# Il-Knisja ta' Santa Katarina V.M. fl-Imqabba

Din is-sena l-parroċċa ta' l-Imqabba qiegħda tfakkar l-erba' mitt sena mit-twaqqif tagħha. Kienet is-sena 1598 meta l-isqof ta' Malta Monsinjur Tumas Gargallo fired din il-parroċċa għaliha.

Il-kwistjoni marbuta mat-twaqqif ta' din il-parroċċa kienet ilha sejra sitt snin sħaħ, għax fl-1592, l-istess isqof Gargallo kien waqqaf il-parroċċa ta' Ħal-Kirkop u magħha għaqqad l-irħula ta' Ħal Safi u dak ta' l-Imqabba. Iżda n-nies ta' dawn iż-żewg irħula msemmija xejn ma għoġbithom din ir-riforma u minn dik is-sena stess bdew jaħdmu u jirsistu biex l-irħula tagħhom ikunu parroċċi ndipendenti.

L-Isqof Gargallo fehem ir-raġuni tagħhom u fl-1598 iż-żewġt irħula ta' l-Imqabba u Ħal Safi saru parroċċi għalihom mifruda mill-parroċċa ta' Ħal Kirkop.



Il-knisja ddedikata lil Santa Katarina V.M. li tinsab ġewwa l-Imqabba.

L-Imqabba, għalkemm raħal żgħir, kien mill-imgħoddi mgħammar bin-nies. Kemm hu hekk meta fl-1575, il-viżitatur appostoliku Monsinjur Pietro Duzina żar dan ir-raħal sab fih għadd ta' familji flimkien ma' numru ta' knejjes. Barra l-knisja prinċipali ta' l-Assunta, kien hemm knisja żgħira f'ġieħ Santa Katarina Verġni u Martri.

Fir-rapport ta' din il-viżita nsibu li din kienet knisja żgħira ħafna, bla bibien iżda kellha kwadru b'pittura fuq l-injam. Din il-knisja kien jieħu ħsiebha ċertu Marjan Hagius.

Meta miet, Marjan Hagius kien ħallielha biċċa art magħrufa bħala "il-bur ta' Santa Katarina" biex mill-flus li jdaħħal minnha, jkunu jistgħu jiċċelebraw il-festa ta' din il-qaddisa bil-kant tal-għasar u bil-quddiesa kantata.

Mal-mixja tas-snin din il-knisja sfat mitluqa b'bosta partijiet minnha imġarrfa. Dan wassal biex fl-1759 l-Isqof Bartolomeo Rull jordna biex din il-knisja tiġi pprofonata, anzi imwaqqa għal kollox. Din l-ordni kienet ukoll tgħodd għal knisja oħra li kienet ħdejha u li kienet iddedikata lil San Pietru.






Il-kwadru li qiegħed fuq l-artal iddedikat lil inkurunazzjoni tal-Madonna, meqjum fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba

Bit-tiġrif tal-knisja ta' Santa Katarina, l-qima lejn din il-qaddisa fl-Imqabba ma spiċċatx, għaliex meta fis-seklu sbatax inbniet il-knisja parrokkjali preżenti, wieħed mill-artali, eżżattament fil-kappellun tar-ružarju ġie ddedikat lil inkoronazzjoni tal-Madonna kif fil-fatt għadu hekk sal-llum.
Ħarsa lejn il-kwadru ta' dan l-artal wieħed jista' jara li fil-parti t'isfel tiegħu jidher San Ġużepp u fuq in-naħa l-oħra tidher Santa Katarina. Meta fl-1745 l-Isqof Alpheran De Bussan żar din il-knisja osserva li fuq l-artal, kienet tiġi ċċelebrata ta' kull sena l-festa ta' Santa Marija imbagħad fid-19 ta' Marzu kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp, u iżda ħaġa kurjuża li ma jsemmi xejn li tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Katarina V.M. Kien lejn is-seklu tmintax li fl-Imqabba reġgħet qamet il-ħajra li tinbena mill-ġdid il-knisja ta' Santa Katarina. Din ix-xewqa saret tabilħaqq f'Lapsi tas-sena 1774 meta Dun Ġwann Battista Tortella kappillan ta' l-Imqabba bierek il-knisja ta' Santa Katarina li naraw illum.
Minn ġewwa, din il-knisja hi mibnija fuq numru ta' pilastri Joniċi u mdawra b' numru ta' ornamenti ta' skultura fil-ġebla Maltija.
Il-kwadru titulari ta' din il-knisja jiddomina din il-knisja żgħira, iżda sabiħa. Dan jirrappreżenta ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina u magħha jidhru Sant Anna u San Ġwann l-Evanġelista.
Fir-rokna tax-xellug tidher l-arma tal-familja Aquilina li kienu l-benefatturi ta' dan il-kwadru li jidher li dan sar wara li qalgħu xi grazzja billi jidrhu wkoll l-ittri VFGA.
Fuq il-kwadru tidher l-arma tal-qaddisa Katarina u fl-apside ta' fuqu, tidher in-nome di Maria.
Il-knisja llum mhiex tiġi użata, iżda qiegħda sservi bħala post fejn jintrefgħu ż-żewġ bradelli ta' Santa Marija u tal-Madonna tal-Ġilju.
Ftit tas-snin ilu din il-knisja ġiet imqaxxra miż-żebgħa u t-tibjid li kellha, biex hekk ħadet is-sura oriġinali tagħha.

*Tony Terribile-Tas-Sliema*

**VESTRO** *Cut*

*STOCKIST OF ALL TYPES OF GLASS & MIRRORS*
*BEVELLING & POLISHED EDGES & FRAME MAKER.*
*PROP: PAUL GATT*
*Triq Giuseppi Caruana, Żejtun.- Tel:692794*
*Stores: 41, Triq Santa Katarina, Żejtun.*